MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1314/2003

**Louis u Maria konjugi Carabott**

**vs**

**Alfred u Giorgina konjugi Falzon**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fid-9 ta’ Dicembru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta’ sitt elef tmien mija disa’ u erbghin lira (Lm6,849) rapprezentanti *in kwantu* ghal erbat elef lira Maltin (Lm4,000) ammont misluf lill-konvenuti permezz ta’ skrittura privata datata 23 ta’ Gunju, 1994 (Dok. A), u elfejn tmien mija disa’ u erbghin lira (Lm2,849) imghax bir-rata ta’ 8% li ddekorra fuq is-somma mislufa sal-lum.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas, anke permezz ta' ittra bonarja, huma baqghu inadempjenti.

Id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba ghall-hlas.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex *in vista* tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Louis Carabott, hawn annessa u mmarkata dokument *"X"*, u dispensat is-smigh tal-kawza *a termini* tal-Artikolu 167 *et. seq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' Lm6,849, rapprezentanti *in kwantu* ghal Lm4,000 ammont misluf lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Gunju, 1994 (Dok. A), u Lm2,849 imghax bir-rata ta' 8% li ddekorra fuq is-somma mislufa sal-lum.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu, 2004, li in forza tieghu ikkoncediet lill-konvenuti terminu ta' ghoxrin jum sabiex iressqu n-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, u ordnat ukoll li l-kawza tipprocedi bis-smiegh bil-procedura normali;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1. *In kwantu* jirrigwarda s-*sorte*, t-talba ta' l-atturi hija preskritta *a tenur* ta' l-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. *In kwantu* jirrigwarda l-imghaxijiet fuq is-*sorte*, t-talba ta' l-atturi hija preskritta *a tenur* ta' l-artikolu 2156(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura privata tat-23 ta’ Gunju, 1994 ma taghtix lill-atturi l-jeddijiet li huma qeghdin jippretendu b’dawn il-proceduri;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza jirrizulta li l-attur silef lill-konvenut is-somma ta’ Lm4,000 sabiex dan, tal-ahhar ikun jista’ jirranga *garage* u, flimkien mal-fond adjacenti, jaghtih ghal-kera. L-arrangament kien li hekk kif il-konvenut jirranga l-*garage* u jikri l-fond, ihallas lura lill-attur il-flus mislufa lilu mill-kera li jdahhal; fil-fatt, gie miftiehem li, sakemm jithallas dak li hu dovut lilu, il-kera tkun percepita kollha mill-attur. F’kaz li l-post ma jinkerhiex u minflok jinbiegh lill-terzi, allura, l-attur kellu d-dritt li jidher personalment fuq l-att ta’ trasferiment sabiex jiehu l-ammont lilu dovut. Dan kollu kien gie inkorporat fuq skrittura iffirmata fit-23 ta’ Gunju, 1994, quddiem in-Nutar Dottor Pierre Falzon. Fuq l-istess skrittura gie miftiehem ukoll li fuq l-ammont ta’ Lm4,000 jiddekorru l-imghaxijiet ta’ 8% fis-sena *a skaletta* u jithallsu mill-ammonti fuq indikati.

Gara li l-konvenut, bil-flus li ssellef, irranga l-*garage*, izda ma sabx jikri l-fond; minflok, hu bieghu lill-terzi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri tal-11 ta’ Dicembru, 2001. Il-konvenut ma infurmahx lill-attur li kien se jbiegh il-fond lill-terzi u allura l-attur ma kienx prezenti sabiex jiehu l-ammont lilu dovut. Issa, il-konvenut qed jissottometti li l-iskrittura kienet tikkunsidra r-restituzzjoni

tas-self billi l-attur jithallas mat-trasferiment tal-fond, u la darba l-attur ma deherx fuq l-att ta' trasferiment, m'ghandux dritt jitlob hlas lura tas-self.

Din il-Qorti tqies dan l-argument bhala ghall-kwantu vessatorju u nieqes minn kull logika legali. L-iskrittura tat lill-attur *"dritt"* li jidher fuq l-att ta' trasferiment halli jiehu lura l-flus minnu mislufa, izda la imponiet dan bhala obbligu u lanqas ma ikkontemplat telf tar-restituzzjoni tal-flus mislufa f'kaz li l-attur ma jidhirx fuq l-att ta' trasferiment. L-iskrittura ikkoncediet dritt ulterjuri lill-attur li jidher fuq att ta' trasferiment, li ghalih huwa kien estraneju, u dana biex jigbor flusu; bl-ebda mod ma cahditu mid-dritt li jigbor flusu fin-nuqqas li jidher fuq l-att ta' trasferiment. Fuq kollox, il-konvenut ma infurmax lill-attur bil-jum li kien sejjer isir l-att ta' trasferiment, u l-attur, la darba ma kienx involut fin-negozjati rigwardanti l-fond, ma setax ikun jaf minn rajh meta kellu jsir il-bejgh. Il-konvenut, allura, naqas meta ma infurmax lill-attur bid-data tal-att ta' trasferiment, u issa jrid jipprova japprofitta ruhu min-nuqqas tieghu u jcahhad lill-attur kreditur minn flusu!

Kuntratt ta' self jikkontempla fih innifsu l-obbligu ta' restituzzjoni, dan l-obbligu johrog min-natura stess ta' self u huwa inerenti fid-debitur li jissellef somma flus. Self minghajr obbligu tar-restituzzjoni *da parti* ta' dak li ircieva l-flus, mhux self, izda donazzjoni, u, f'dan il-kaz, bl-ebda mod ma jirrizulta li l-attur ried jaghti b'donazzjoni s-somma ta' Lm4,000 lill-konvenut. Veru li l-konvenut, li jahdem f'*dolceria*, ghamel xi pjaciri lill-attur, fis-sens li ipprovdieh bil-helu f'riceviment zghir, izda ma jirrizultax li, biex jikkumpensah, l-attur qatt accetta li jaghtih rigal ta' Lm4,000. In-natura ta' l-iskrittura tat-23 ta' Gunju, 1994, timmilita kontra kull interpretazzjoni f'dan is-sens.

Il-konvenuti eccepew ukoll li l-azzjoni attrici hija preskritta, il-kapital bid-dekorriment ta' 5 snin *a tenur* tal-artikolu 2156(e), u l-imghax bid-dekorriment ta' l-istess zmien *a tenur* tal-artikolu 2156(d), f'kull kaz, tal-Kodici Civili. Ghal-ewwel dawn l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni kienu jidhru gustifikabbli, *pero'*, mill-provi jirrizulta li t-trasferimenti tal-fond *da parti* tal-konvenut lill-terzi sar f'Dicembru tal-2001

u hu minn dakinhar li l-ammont sar dovut lill-attur. Il-hlas lura tas-self ma setghax, skond il-ftehim, jintalab lura qabel ma jsir dan it-trasferiment, u *kwindi* it-termini tal-preskrizzjoni, anke fil-konfront tal-imghax li kellu jithallas flimkien mal-kapital, ma bdewx jiddekorru qabel ma sar dak it-trasferiment. B'hekk, ma jistax jinghad li z-zmien koncess bil-ligi ghat-talba tal-hlas lura tal-ammonti mislufa lahaq skada sal-presentata ta' din il-kawza.

*Inoltre* jirrizulta mill-provi mhux biss li l-konvenut irrikonoxxa d-dejn u accetta li jhallas, u dan ripetutament u quddiem diversi xhieda, izda li ghal-habta tal-2001, il-konvenut hallas Lm200 akkont, u dan il-hlas akkont jitqies dejjem bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni – ara "Charles A. Micallef & Co. Ltd vs Brown", decisa mill-Qorti Civili tal-Magistrati fl-14 ta' Lulju, 2003. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Tabone vs Vassallo", decisa fl-24 ta' Marzu, 2004, *"jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu"*.

*Kwindi*, l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, ghandhom jigu respinti.

Il-Qorti qieset ukoll li dawn ic-cirkustanzi kollha kienu ben maghrufa lill-konvenuti, u l-kontestazzjoni taghhom tal-pretensjonijiet attrici kienu vesatorji u intizi biss li jtawlu z-zmien ghal-possibbli esekuzzjoni tal-kreditu; *kwindi*, tara li ghandha tapplika l-paragrafu 10(1) tat-Tariffa A ta' Skeda A annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm400 bhala spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, u tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm6,849 (sitt elef, tmien mija u disa' u erbghin liri Maltin) *in restituzzjoni* tal-flus mislufa permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Gunju, 1994, bl-

imghaxijiet legali fuq din is-somma mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti; u l-istess konvenuti huma kkundannati ukoll jhallsu s-somma ta' Lm400 bhala spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------